MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## LAWRENCE QUINTANO

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2014

Appell Kriminali Numru. 391/2012

**Il-Pulizija**

**Kontra**

**Celine Lee Bentley**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra Celine Lee Bentley li għandha n-numru tal-passaport Franċiż 08AB87944 u li tqogħod Market Handle Building, G.F. Soldanis Street, Birkirkara jew 'The Business Centre, Valley Raod, Birkirkara.

Akkużata talli fil-kwalita' tagħha ta' direttur u / jew segretrju ta' kumpanija u / jew rappreżentanta ġuridika tas-soċjeta' klummerċjali 'Market Handle Limited' (C49546) b'indirizz reġistrat Market Handle Building, G.F.Soldanis Street, Birkirkara BKR 4850 Malta u /jew bħala l-persuna li kont inkarigat mill-istess soċjet' kummerċjali sabiex tħallas il-pagi dovuti, naqset li tħallas il-paga dovuta għall-perjodu ta' bejn it-3 t'Awwissu 2010 u d-19 ta' Novembru 2010 ammontanti għall-€1888.64, naqset li tħallas il-bonus statutorju dovut għall-perjodu bejn it-3 t'Awwissu 2010 u d-19 ta' Novembru, 2010, ammontanti għall-€63.64, naqset li tħallas il-vacation leave dovut għall-perjodu bejn it-3 t'Awwissu 2010 u d-19 ta' Novembru, 2010 ammontanti għal €57.79, li b'kollox jammontaw għal elfejn mija u erbgħa u tmenin Euro u disgħa u erbgħin ċenteżmu (€2814.49) u li kienu dovuti lill-ex-impjegat tagħha James Joseph Borg fid-19 ta' Novembru 2010 meta l-impieg tiegħu kien terminat.

Il-Qorti ntalbet bir-rispett tordna lill-imputata, ai termini tal-artikolu 45(1) tal-Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta u tar-regolament 22 tal-Avviż Legali 247 tal-2003, kif emendat bl-Avviż Legali 427 tal-2007 sabiex tħallas il-penali skont il-Liġi kif ukoll tordna lill-imputata, ai termini tal-artikolu 45(2) tal-Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex tħallas lil James Joseph Borg l-ammont ta; elfejn mija u erbgħa u tmenin Euro u disgħa u erbgħin ċenteżmu (€2184.49) għar-raġunijiet mogħtija.

Rat is-sentenza tal-24 ta' Lulju 2012 tal-Qorti tal-Maġistrati fl-ismijiet 'Il-Pulizija kontra Celine Lee Bentleyu Donald Micallef' li fiha l-Qorti sabet lill-imputata ħatja tal-imputazzjoni miġjuba kontra tagħha u fejn ikkundannata tħallas €250 multa kif ukoll sabiex fi żmien tħallas l-ammont ta' €2184.49 lil James Joseph Borg.

Rat l-appell intavolat fit-30 ta' Lulju 2012 minn Celine Lee Bentley. L-aggravji f'dan l-appell huma fil-qosor dawn:

(1) L-ammont imsemmi mhux dovut minħabba li l-parte civile kien ħad erba' ġimgħat vacation leave bejn Awwissu 2010 u Settembru 2010 sabiex imur il-Kanada.

(2) L-ammont li jidher fiċ-ċitazzjoni mhux dovut għax ma jaqbilx mal-payslips esibiti mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni.

(3) L-ammont mitlub mhux dovut għax jinkludi dawk l-ammonti li s-soċjeta' Market Handle Limited hija legalment obbligata li żżomm mill-paga għall-ħlas tat-taxxa fuq id-dħul kif ukoll għall-ħlas tas-sigurta' soċjali.

Għalhekk huwa talab ir-revoka tas-sentenza mogħtija fl-ismijiet premessi mill-Qorti tal-Maġistrati fl-24 ta' Lulju 2012.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

Ikkonsidrat

Li mix-xhieda li nstemgħet quddiemha jirriżulta dan li ġej:

Jonathan Caruana, rappreżentant tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet, qal li fl-affidavit a 8 fil-proċess, dokument maħruġ mill-ETC jirriżulta li James Joseph Borg bilkarta tal-identita' 24501L ma kienx indikat bħala impjegat ma' Market Handle Limited minkejja li l-persuna indikata kienet ħadmet diversi xhur ma' din is-soċjeta'. Kien l-obbligu ta' min iħaddmu biex jirreġistrah. A fol 11 hemm il-prova li min kien iħaddem lil James Joseph Borg kien ta lil dan tal-aħħar business card apposta li dan il-ħaddiem seta' juża mal-klijenti li kien ikellem. A fol 16 hemm payslip tal-impjegat b'ammont li qatt ma tħallas lill-impjegat. Fid-diversi xhur li ħadem l-impjegat ma tħallas qatt. A fol 18 tidher payslip oħra. A fol 19, 22, 23 u 24 hemm e-mails li juru li l-impjegat kien qed jagħmel xi xogħol għas-soċjeta' imputata. A fol 21 hemm payslip oħra. A fol 27 hemm kopja tal-kuntratt li ngħata mis-soċjeta' stess.

Ix-xhud spjega li t-talba keinet ibbażata fuq parti mill-paga t'Awwissu, il-paga ta' Settembru, il-paga t'Ottubru u parti mill-paga ta' Novembru, leave li kien akkumula fil-perjodu, parti mill-bonus ta' Settembru, ta' Diċembru, u parti mill-bonus ta' Marzu tas-sena ta' wara li jammontaw għall-figura indikata.

Fil-kontro eżami, meta mistqosi dwar il-vacation leave li kien ħa l-impjegat, huwa qal li kull meta bagħtu ittri lis-soċjeta', din ma kenitx irrispondiet. Għalhekk kollox huwa bbażat fuq x'qal l-impjegat. Ix-xhud qal li sa fejn jdihirlu huwa, dan il-vacation leave mhux imnaqqas għaliex id-dipartiment ma kienx jaf li l-impjegat ħa xi vacation leave. L-ammonti dovuti bħala taxxa u sigurat' soċjali jitnaqqsu wara għax xorta huma dovuti. Għalhekk l-akkuża hija fuq ammonti gross.

Xehed ukoll James Joseph Borg li qal li kien beda jaħdem mas-soċjeta' Market Handle Limited fit-3 t'Awwissu 2010 u baqa' jaħdem sad-19 ta' Novembru 2010. Huwa ma kien tħallas qatt. Kien dovut bħala salarju €2184.49. Mill-bidunett huwa kien qal lis-soċjeta' li kien sejjer il-Kanada u qalilhom

biex il-vacation leave ma jħallsuhx tiegħu minħabba li kien għadu kif jibda jaħdem mal-kumpanija. L-impjegat qabel li ta' dak il-leave ma jitħallasx.

**Xhieda Difiża**

Xehed ukoll Donald Micallef li kien iċ-chief executive officer tas-soċjeta'. Meta kien beda jħaddmu miegħu, fl-ewwel jum huwa kien avżah li kellu jieħu xi leave fil-viċin eżatt ta' meta daħal minħabba li kien sejjer il-Kanada. Kien hemm żmien fit-tul ta' meta l-impjegat kellu jkun imsiefer. Meta raw l-akkużi, huma kienu raw li kien inkluż ħlas għall-vacation leave daqs li kieku ħadimhom. L-impjegat stess kien qalilhom li huwa qatt ma ried dan l-ammont. Huwa kien ħa l-off iżda fil-karti jidhru mniżżlin bħala li ħadimhom.

Fis-sottomissjoni tagħha, id-difiża qalet li fl-akkużi hemm erba' ġimgħat leave li qegħdin jiġu claimed bħala vacation leave bħala li ma tnaqqsux mill-vacation leave mentri li dan ittieħed mill-impjegat.

Il-Prosekuzzjoni ssottomettiet li minkejja kull ftehim bejn l-impjegat u min iħaddmu, dak il-leave li l-impjegat kien intitolat għalih pro rata xorta l-impjegat irid jitħallas tiegħu għaliex dak dovut bil-liġi. Peress li d-difiża qajmet il-punt dwar il-leave, id-difiża kellha ġġib din il-prova ta' kemm kien dovut skont il-Liġi.

Ikkonsidrat

Li jirriżulta li kien hemm ftehim bejn James Joseph Borg u s-soċjeta' li huwa kien sejjer imur il-Canada għal tul ta' żmien (jew ħmistax il-jum jew xahar).

Skont iċ-ċitazzjoni u x-xhieda tal-istess impjegat huwa beda jaħdem fit-3 t'Awwissu 2010 u spiċċa jaħdem fid-19 ta' Novembru 2010. Għalhekk huwa ħadem tliet xhur u sittax-il jum. Jekk ħaddiem għandu 24 jum fis-sena bħala vacation leave, dan ifisser li 'pro rata' kien intitolat għal sebat jiem ta' leave.

Mid-dettalji li ta l-impjegat stess (fol 13), jidher li għal Settembru 2010 huwa kien ħadem 1.6 ġimgħat minflok 4.2 ġimgħat. Fil-fehma tal-Qorti dan iż-żmien nieqes mix-xogħol jikkorrispondi għall-perjodu ta' leave li ħa l-impjegat. Dan jammonta għal madwar tlettax-il jum ta' xogħol jew 6 ijiem aktar milli kien intitolat pro rata.

Skont l-artikolu 5.1 tar-Recruitment Engagement Contract is-soċjeta', barra minn ħlasijiet oħra[1] kellha tħallas €7920 fis-sena li jagħmlu jew €660 fix-xahar (esklużi l-ħlasijiet l-oħra) jew 609.23 kull erba' ġimgħat jew 639.69 kull 4.2 ġimgħat.

Dwar il-payslips, jidher li dawn huma għal Settembru u Novembru 2010 biss. M'hemmx payslips għal Awwissu u Ottubru 2010. Dwar xi diskrepanzi li jista' jkun hemm bejn dak li talab l-impjegat u l-payslips, għandu jingħad li sakemm l-ammont mitlub mill-impjegat fiċ-ċitazzjoni u kkonfermat bil-ġurament, ma ġiex kontradett mid-difiża bil-ġurament, allura dak li xehed l-impjegat għandu jipprevali. Barra minn hekk il-kalkoli magħmulin fil-paragrafu ta' qabel dan jaqbel kważi perfettament ma' dak li talab l-impjegat. Huwa talab €639.70 kull erba' ġimgħat u l-kalkolu wassal għal €639.69.

Issa, skont il-Liġi l-impjegat xorta għandu jitħallas ta' sebat ijiem vacation leave, ftiehm xi ftiehem ma' min iħaddmu.

Minn dak li kien iddikjara l-impjegat stess għax-xahar ta' Settembru, 2010 l-impjegat kien talab ħlas għal 1.6 ġimgħat @152.31 li jġibu €243.70 meta t-total għal dak ix-xahar kellu jkun ta' €639.70, jiġifieri huwa awtomatikament naqqas 396 Euros. La bil-liġi kien intitolat pro rata għal sebat ijiem vacation leave huwa kien ħa sitt ijiem vacation leave iżjed milli kien intitolat. F'Settembru 2010 kien hemm total ta' 22 jum ta' xogħol (inklużi jumejn btajjel pubbliċi) huwa kellu jnaqqas €174.46 biss għaliex ma kienx intitolat jieħu dan l-ammont. Id-differenza bejn dak li kien naqqas hu u dak kellu jnaqqas hija ta' €221.54. Il-figura li tidher fiċ-ċitazzjoni għall-vacation leave hija ta' €174.42.

Għalhekk ma hemm xejn żejjed f'din il-figura ġaladarba l-impjegat kien diġa' naqqas minn jheddu aktar mis-somma li setgħet titnaqqas skont il-Liġi.

Konsegwentement qed tiċħad l-ewwel aggravju tal-appellant.

Wara dak li kien konstatat fil-paragrafi preċedenti, il-Qorti qed tiċħad ukoll it-tieni aggravju.

Dwar it-tielet aggravju, l-Qorti ser tipprovdi fil-konklużjoni biex ikun hemm serħan tal-moħħ li xejn m'hu qed jitħallas darbtejn.

[1] Ara l-artikoli 5.1.2, 5.13 u 5.1.4 tal-istess Kuntratta fol 29)

**Konklużjoni**

**Għaldaqstant din il-Qorti qed tiċħad l-aggravji kollha tal-appellanti u qed tikkonferma s-sentenza mogħtija fl-ismijiet premessi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-24 ta' Lulju 2012 b'dan pero' li għandhom jitnaqqsu mill-ammonti dak li huwa dovut lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni sabiex dawn l-ammonti jintbagħtu lilu. Din is-sentenza għandha tkun notifikata lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni biex jiżgura li l-ħlasijiet ta' taxxa u ta' sigurta' soċjali tal-impjegat jitħallsu** ***iżda jekk dawn tħallsu diġa' mill-imputata jew qegħdin jitħallsu mill-imputata m'għandhomx jitħallsu għal darb'oħra.***

**Iż-żmien ta' xahar mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati għandha jibda jgħaddi mil-lum**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------